MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX)

# (GURISDIZZJONI SUPERJURI)

# (SEZZJONI GENERALI)

## MAGISTRAT DR.

## PAUL COPPINI

Seduta tal-15 ta' April, 2014

Citazzjoni Numru. 20/2007

**Maria Bajada armla ta' Emanuel Bajada u b'digriet tal-11 ta' Novembru 2010, il-ġudizzju ġie trasfuż minn isem Maria Bajada stante li mieted fil-mori tal-kawża għal fuq isem Ramon Bajada f'ismu proprju u bħala mandatarju ta' ħuh imsiefer Michael Bajada, Victoria sive Vicky mart Victor Camilleri, Carmen mart Grezzju Xuereb f'isimha proprja u bħala mandatarja ta' ħutha msefrin Peter Paul Bajada, Emanuela mart Joseph Grech, Margaret armal ta' Charles Muscat, Joseph Bajada, u Anthony Bajada;**

**Peter Refalo;**

**Josephine Vella mart George Vella;**

**Anthony Refalo f'ismu proprju u għan-nom u bħala mandatarju tal-imsefrin Carmelo sive Charles Refalo, Peter Refalo bin Victor, Sulvia Refalo, Doris Refalo;**

**Carmela Falzon mart Michael Falzon;**

**Rita Portelli armla ta' Joseph Portelli f'isimha proprju u għan-nom tal-imsefrin Emanuela Said armla ta' Joseph Said, Mary Vella mart Joseph Vella, Peter Refalo bin Paul, Linda Webb legalment separata minn Laurrie Webb, Maria Refalo armla ta' Paul Refalo, Carmela Refalo armla ta' Victor Refalo;**

**Nazzareno Refalo;**

**Eucharist Refalo;**

**Paul Refalo;**

**Taddeo Refalo;**

**u Rożaria armala ta' Carmelo Refalo, din tal-aħħar għal kull interess li jista' jkollha.**

**vs**

**Victor Refalo;**

**Raphael Refalo**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors ġuramentat li permezz tiegħu l-atturi, wara li ppremettew :

Illi fit-tnejn (2) ta' Frar elf disa' mija w erbgħin (1940), miet Peter Refalo, bin Carmelo Reaflo u Maria nee' Buttigieg, missier l-attriċi Maria Bajada, u n-nannu patern tal-atturi l-oħra u tal-konvenut Victor Refalo;

Illi fl-erbatax (14) ta' Mejju elf disa' mija tnejn u sebgħin (1972), mietet Carmela Refalo armla tal-imsemmi Peter Refalo, omm l-attriċi Maria Bajada u n-nanna paterna tal-atturi l-oħra u tal-konvenut Victor Refalo;

Illi l-imsemmija Peter Refalo u martu Carmela Refalo mietu ntestati u wirtuhom skond il-liġi s-sitt uliedhom u ċioe' l-attriċi Maria Bajada, Paolo Refalo, Carmelo Refalo, Victor Refalo, Giuseppe Refalo, u Rita Refalo, xebba;

Illi l-imsemmi Paolo Refalo miet fi Queensland, l-Awstralja, fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Novembru elf disa' mija u disa' u tmenin (1989), u b'testment li għamel fl-Awstralja fis-sebgħa (7) ta' Mejju elf disa' mija u tmienja u sebgħin (1978), wirtuh martu Maria Refalo, u ż-żewġ uliedu Peter Refalo u Linda Webb, aħwa Refalo;

Illi l-imsemmi Carmelo Refalo miet fit-tletin (30) ta' Lulju elf disa' mija u sitta u disgħin (1996), u b'testment *unica charta* li għamel ma' martu Rosaria Refalo, li sar fl-atti tan-Nutar Giuseppe Cauchi tad-dsatax (19) ta' mejju elf disa' mija u wieħed u tmenin (1981), huwa ħalla lil martu Rosaria Refalo użufruttarja ta' ġidu kollu u ħatar lit-tlettax uliedu u ċioe' l-atturi Peter Refalo, Josephine Vella, Anthony Refalo, Carmelo sive Charles Refalo, Carmela Falzon, Rita Portelli, Emanuela Said, Mary Vella, Nazzareno Refalo, Eucharist Refalo, Paul Refalo, Taddeo Refalo, u l-konvenut Victor Refalo, ilkoll aħwa Refalo, bħala eredi universali;

Illi l-imsemmi Victor Refalo miet f'Melbourne, Victoria, l-Awstralja, fid-disa' w għoxrin (29) elf disa' mija u seba' u disgħin (1997), u b'testment li għamel fl-Awstralja fis-6 ta' Marzu 1978, wirtuh martu Carmela Refalo w it-tliet uliedu Peter, Sylvia, u Doris; aħwa Refalo;

Illi l-imsemmi Giuseppe Refalo miet ġuvni, *improle*, u ntestat fil-ħamsa w għoxrin (25) ta' Jannar elfejn w erbgħa (2004), u wirtuh skond il-liġi l-atturi kollha, Rita Refalo, illum mejta, u l-konvenut Victor Refalo, u s-sehem tiegħu mill-wirt tal-ġenituri tiegħu ġie debitament iddikjarat f'kuntratt ta' dikjarazzjoni ta' trasferiment *causa mortis* li sar fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani tal-ħmistax (15) ta' Diċembru elfejn u sitta (2006);

Illi l-imsemmija Rita Refalo, xebba, mietet fis-sitta (6) ta' Lulju elfejn u sitta (2006), u b'testment li  għamlet fl-atti tan-Nutar Enzo Dimech fil-ħamsa (5) ta' Marzu elfejn u erbgħa (2004), hi ħalliet xi legali lill-konvenuti Victor Refalo u lil ibnu Rapahael Refalo s-sehem tagħha li wirtet mingħand il-ġenituri tagħha mid-dar u l-għalqa, u nnominat lill-konvenut Raphael Refalo bħala werriet universali tagħha;

Illi l-atturi jridu li jiġi likwidat u diviż il-wirt ta' Peter u Carmela Refalo konsistenti fost assi oħra, fid-dar numru 91, Triq Santa Verna, Xagħra, bil-mandra retrostanti, fejn kienu jgħixu Rita Refao u ħuha Giuseppe Refalo sa ma mietu, u f'biċċa art imsejħa "Ta' Fuq l-Ispiera", fil-limiti tax-Xagħra, Għawdex, tal-kejl ta' ċirka tliet mija u żewġ metri kwadri (302m.k.), li tifforma parti mid-dar imsemmija, u li tmiss minn nofsinhar ta' beni tal-eredi ta' Carmelo Refalo, punent ma' passaġġ, u tramuntana ma' beni tal-eredi ta' Pawla u Ġanni Xerri, u xi biċċiet oħra tar-raba' imsejħa "Tad-Dabrani" fil-limiti taż-Żebbuġ, Għawdex, deskritti aħjar fid-denunzja ta' Peter Refalo, u dan minbarra assi oħra li jista' jirriżulta li hemm fil-kors tal-kawża;

Illi l-atturi jridu wkoll li jiġi likwidat u diviż il-wirt ta' Giuseppe Refalo kemm ta' sehemu li wiret mingħand il-ġenituri tiegħu kif ukoll tal-assi u akkwisti oħra li jirriżulta li kellu fl-epoka ta' mewtu;

Illi l-konvenuti minkejja li ġew debitament interpellati sabiex jersqu għall-likwidazzjoni u diviżjoni tal-assi tal-fuq imsemmija Peter u Carmela Refalo, u ta' Giuseppe Refalo, huma baqgħu inadempjenti.

Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Taħtar amministratur sabiex jamministra l-beni posseduti in komun bejn il-kontendenti u dan ai termini tal-artikolu 494 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tifissa, tistabilixxi, u tillikwida dawk l-assi kollha mobbli u mmobbli formanti l-eredita' ta' Peter Refalo, liema assi jiġi dikjarat li jikkonsistu f'dawk l-assi partikolari tad-*decujus* kfi ukoll f'dawk l-assi li jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti ġia' eżistenti bejnu w il-mara li kellu, ċioe' Carmela Refalo;

3. Tifissa, tistabilixxi, u tillikwida dawk l-assi kollha mobbli u mmobbli formanti l-eredita' ta' Carmela Refalo, liema assi jiġi dikjarat li jikkonsistu f'dawk l-assi partikolari tad-*decujus* kif ukoll f'dawk l-assi li jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti ġia' eżistenti bejnha w ir-raġel li kellha, ċioe' Peter Refalo;

4. Tifissa, tistabilixxi,m u tillik wida dawk l-assi kollha mobbli u mmobbli formanti l-eredita' ta' Giuseppe Refalo, liema assi jiġi dikjarat li jikkonsistu f'dawk l-assi partikolari li huwa kien wiret mingħand il-ġenituri tiegħu u assi u akkwisti oħra li kellu fl-epoka ta' mewtu;

5. Taħtar perit arkitett sabiex jistabilixxi u jagħmel stima tal-assi kollha in diviżjoni kif ukoll sabiex iħejji pjan ta' qasma tal-assi kollha in diviżjoni fil-kwoti li kull wieħed u waħda mill-kontendenti jirriżulta li għandhom;

6. Tordna d-diviżjoni ta' l-assi hekk likwidati fil-kwoti ta' kwinta parti (1/5) lill-attriċi Maria Bajada, kwinta parti (1/5) oħra lill-atturi aħwa Refalo ulied il-mejjet Carmelo Refalo u lill-konvenut Victor Refalo bejniethom; kwinta parti (1/5) oħra lill-atturi Maria Refalo, Peter Refalo, u Linda Webb bejniethom għal sehem il-mejjet Paolo Refalo; kwinta parti (1/5) oħra lill-atturi Carmela Refalo, Peter Refalo , Sylvia Refalo, u Doris Refalo bejniethom għal sehem il-mejjet Victor Refalo; ui kwinta parti (1/5) oħra lill-konvenut Raphael Refalo għal sehem Rita Refalo;

7. F'każ li d-diviżjoni tal-assi tirriżulta li hija komodament diviżibbli bejn il-partijiet, tordna l-pubblikazzjoni tal-att ta' diviżjoni opportu u għal

dan il-fini taħtar Nutar Pubbliku Malti sabiex jippublika l-att relattiv f'dik il-ġurnata, ħin, u lok li jiġu ffissati minn din il-Qorti, bl-intervent tal-kuraturi sabiex jirrapreżentaw lill-eventwali kontumaċi fuq l-istess att;

8. F'każ li l-assi jirriżultaw li mhumiex diviżibbli, tordna l-bejgħ tagħhom in liċitazzjoni, bl-intervent tal-obblaturi estranei sabiex ir-rikavat minn dawn l-assi jiġi diviż bejn il-kontendenti skond il-kwoti lilhom spettanti kfi stabbilit hawn fuq.

Bl-ispejjeż inklużi tal-ittra uffiċċjali tas-6 ta' Afrar 2004 u tas-17 ta' Novembru 2006, kontra l-konvenuti, u bl-inġunzjoni tal-konvenuti għas-subizzjoni li għaliha minn issa huma mħarrkin.

Rat in-Nota ta' l-Eċċezzjonijiet tal-konvenut Victor Refalo li permezz tagħha eċċepixxa :

1. Illi t-talba attriċi għal-likwidazzjoni u eventwali diviżjoni tal-biċċa raba' msejħa "Ta' Fuq l-Ispiera" limiti Xagħra, Għawdex tal-kejl ta' ċirka tlett mija u żewġ metri kwadri (302 m.k.) hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra l-atturi u dan stante illi din hija proprjeta' tal-esponent in kwantu din tħalliet bħala prelegat lilu in forza ta' testment ta' Rita Refalo datat 5 ta' Marzu 2004 fl-atti tan-Nutar Dr. Enzo Dimech (Dokument VR1) li mietet fis-sitta (6) ta' Lulju tassena elfejn u sitta (2006) u gawdiet din l-immobbli bħala proprjeta' assoluta tagħha għal iktar minn tletin (30) sena;

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suepost, l-esponent ma joġġezzjonax għal-likwidazzjoni u eventwali diviżjoni tal-assi kolha mobbli u mmobbli formanti l-eredita' ta' Peter u Carmela Refalo u ta' Giuseppe Refalo u dana salv l-verifika tal-konsistenza tal-assi u l-verifika tal-kwoti u bl-ammissjoni ta' obblaturi estranei;

3. Illi d-diviżjoni mitluba mill-atturi ma seħħietx unikament b'tort ta' l-atturi u dan billi huma ppretendew li l-esponent jirrinunzja għat-titolu li huwa jgawdi fuq il-fond imsemmi bħala kundizzjoni tal-qasma;

4. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra l-atturi li huma minn issa inġunti in subizzjoni.

Rat ir-Risposta ġuramentata tal-konvenut l-ieħor Raphael Refalo li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi t-talba attriċi għal-likwidazzjoni u eventwali diviżjoni tal-fond bin-numru wieħed u disgħin (91) fi Triq Santa Verna, Xagħra, Għawdex bil-mandra retrostanti u bl-arja tagħha u ta' xi biċċiet oħra tar-raba' imsejħa "Tad-Dabrani" fil-limiti taż-Żebbuġ, Għawdex, hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra l-atturi u dan stante illi dawn huma proprjeta' tal-esponent derivanti mill-wirt ta' Rita Refalo li mietet fis-sitta (6) ta' Lulju ta-sena elfejn u sitta (2006) u gawdiet dawn l-immobbli bħala proprjeta' assoluta tagħha għal iktar minn tletin (30) sena;

2. Illi in forza ta' testment datat ħamsa (5) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbgħa (2004) fl-atti tan-Nutar Dr. Enzo Dimech (Dokument RR 1) Rita Refalo nnominat lill-esponent bħala werriet universali tagħha u ħalliet b'titolu ta' prelegat lill-esponent il-fond bin-numru wieħed u disgħin (91) fi Triq Santa Verna, Xagħra, Għawdex bil-mandra retrostanti;

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suepost, l-esponent ma joġġezzjonax għal-likwidazzjoni u eventwali diviżjoni tal-assi kollha mobbli u mmobbli formanti l-eredita' ta' Peter u Carmela Refalo u ta' Giuseppe Refalo u dana salv il-verifika tal-konsistenza tal-assi u l-verifika tal-kwoti u bl-ammissjoni ta' obblaturi estranei;

4. Illi d-diviżjoni mitluba mill-atturi ma seħħietx unikament b'tort ta' l-atturi u dan billi huma ppretendew li l-esponent jirrinunza għat-titolu li huwa jgawdi fuq il-proprjeta' msemmija bħala kundizzjoni tal-qasma;

5. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra l-atturi li huma minn issa nġunti in subizzjoni.

Rat is-sentenza *in parte* tagħha tat-8 ta' Ottubru 2010.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-11 ta' Novembru 2011 li kkonfermat dik is-sentenza.

Rat id-digriet tagħha tas-26 ta' Ġunju 2012 li bih iddikjarat li l-art donata lil Carmelo Refalo b'att tal-24 ta' Novembru 1944 għandha tiġi stmata bil-prezz li kienet iġġib fis-suq fl-1972.

Rat id-digriet tagħha tal-11 ta' Diċembru 20126 li bih innominat lill-A.I.C. Godwin P. Abela bħala perit tekniku sabiex jagħmel valutazzjoni tal-proprjeta' in kwistjoni.

Rat ir-relazzjoni tal-istess perit tekniku ppresentata fil-11 ta' Ottubru 2013 u minnu maħlufa fil-15 ta' Jannar 2014.

Rat id-digriet tagħha tad-19 ta' Frar 2014 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi d-dokumenti esebiti u l-verbali tax-xhieda mismugħa.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi qed jitolbu l-likwidazzjoni u diviżjoni tal-ereditajiet tan-nanniet tagħhom Peter u Carmela konjuġi Refalo, u ta' zijuhom Giuseppe Refalo li lkoll mietu ntestati. Il-konjuġi Refalo kellhom sitt itfal. Erbgħa minnhom u ċioe' Maria Bajada, Paolo Refalo, Carmelo Refalo u Victor Refalo iżżewġu, u wirtuhom rispettivament uliedhom l-atturi u l-konvenut Victor Refalo. Giuseppe Refalo li baqa' ġuvni, wirtuh il-ħames ħutu li ssopravivewh. Rita Refalo li baqgħet xebba, wiritha l-konvenut l-ieħor Raphael Refalo.

Il-beni li kienu jipposjedu fl-epoka tal-mewt tagħhom Peter u Carmela konjuġi Refalo rriżulta li kienu jikkonsistu fis-segwenti proprjetajiet

immobbli, li fin-nuqqas ta' prova kuntrarja qed jitqiesu li kienu jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti tagħhom:

1. id-dar numru wiehed u disgħin (91), Triq Santa Verna (ġia' Triq Sant'Anton) ix-Xagħra, Għawdex, murija imberfla bl-aħmar fuq il-pjanta Dok. A annessa man-Nota tal-atturi tal-24 ta' Mejju 2013; stmata mill-perit tekniku tal-valur ta' mija u tmenin elf euro (€180,000);[1]

2. l-għalqa ossia mandra ta' ċirka tliet mija u żewġ metri kwadri (302m.k.) fi Sqaq Santa Verna, x-Xagħra, li fiha hemm spiera, murija bl-aħmar fuq il-pjanta Dok. B annessa mal-istess Nota, u stmata mill-perit tekniku disgħat elef euro (€9,000);[2]

3. żewġ biċċiet art li jmissu flimkien, magħrufa "tad-Dabrani", fil-limiti taż-Żebbug, Għawdex, tal-kejl komplessiv ta' tliet mija u ħamsa u tletin metri kwadi (335m.k.), kif murija bl-aħmar fuq il-pjanta Dok. C annessa mal-istess Nota, u stmati mill-perit tekniku sitt elef u seba' mitt euro (€6,700).

Il-pretensjoni tal-konvenuti li dawn il-beni kienu jappartjenu biss lil Rita Refalo li ħalliethom b'legati lilhom, ma ġietx aċettata la minn din il-Qorti u lanqas mill-Qorti tal-Appell, bis-sentenzi hawn fuq indkati. Għalhekk l-istess beni qed jinġiebu kollha għall-qasma.

Ma' dawn irid jiżdied il-valur tal-art li fuqha bena d-dar tiegħu Carmelo Refalo, Din l-art ta' ċirka mija seba' u tmenin metru kwadru (187m.k.) kienet ġiet donata lilu minn ommu Carmela, permezz ta' att ta' donazzjoni tal-24 ta' Novembru 1944 in atti Nutar Francesco Refalo,[3] fejn ġie dikjarat li l-istess donazzjoni kienet qed issir lil Carmelo Refalo akkont ta' sehmu mill-wirt tagħha. Permezz tad-digriet tagħha tas-26 ta' Ġunju 2012, din il-Qorti kienet iddeċidiet li din l-art għandha tiġi stmata bil-valur li kellha fl-epoka tal-mewt ta' Carmela Refalo fl-1972.[4] Il-perit tekniku qal li din l-art kienet tiswa għaxart elef u ħames mitt euro (€10,500) f'dik is-sena.[5] L-eredi

[1] Ara rapport tiegħu a fol. 492 tal-process
[2] Ara rapport afol.493
[3] Ara kopja tiegħu a fol. 248 -249
[4] Ara digriet a fol. 468 - 469
[5] Ara rapport a fol.497

ta′ Carmelo Refalo għandhom għalhekk iġibu din is-somma fil-massa ereditarja għall-fini tal-qasma.

Giuseppe Refalo ma rriżulta li kellu xejn għajr is-sehem indiviż tiegħu ta′ wieħed minn sitta (1/6) mill-ereditajiet tal-ġenituri tiegħu.

Niġu issa għall kalkolu tal-ishma spettanti lill-kondividendi minn dawn il-beni. Billi ulied il-mejtin Peter u Carmela konjuġi Refalo kienu sitta (6), u kif ingħad binhom Giuseppe miet intestat, jiġi li l-assi ereditaji tal-konjuġi Refalo irid jinqasam bejn il-ħames ħutu jew, aħjar illum, il-werrieta rispettivi tagħhom.

(i) Paolo Refalo miet l-Awstralja fit-23 ta′ Novembu 1989 u b′testment li għamel fis-7 ta′ Mejju 1978 wirtuh martu Maria Refalo u ż-żewġ uliedu Peter u Linda Webb, lkoll atturi. Dawn għalhekk imisshom: 1/5 x1/3 = 1/15 kull wieħed minn dawn l-assi.

(ii) Carmelo Refalo miet fit-30 ta′ Lulju 1996. B′testment tad-19 ta′ Mejju 1981 ħalla bħala eredi tiegħu lit-tlettax il-ulied li kellu, u ċioe′: l-atturi Peter Refalo, Josephine Vella, Anthony Refalo, Carmelo sive Charles Refalo, Carmela Falzon, Rita Portelli, Emanuela Said, Mary Vella, Nazzareno Refalo, Eucharist Refalo, Paul Refalo, Taddeo Refalo, u l-konvenut Victor Refalo. Dawn għalhekk imisshom: 1/5 x 1/13 = 1/65 kull wieħed.

(iii) Victor Refalo, bin id-decujus, miet ukoll l-Awstralja fid-29 ta′ Mejju 1997 u b′testment li għamel fis-6 ta′ Marzu 1978, wirtuh martu Carmela Refalo u t-tliet uliedu Peter, Sylvia u Doris aħwa Refalo. Dawn għalhekk imisshom: 1/5 x ¼= 1/20 kull wieħed.

(iv) Rita Refalo mietet fis-6 ta′ Lulju 2006, u b′testment tal-5 ta′ Marzu 2004,[6] apparti xi legati, ħalliet bħala eredi tagħha lill-konvenut Raphael Refalo. Dan għalhekk jiġi li jmissu 1/5.

(v) L-attriċi Maria Bajada mietet fil-mori tal-kawża fil-25 ta′ Awwissu 2010 u b′testment tas-16 ta′ Awwissu 1985 innominat id-disa uliedha: Roman Bajada, Michael Bajada, Victoria sive Vicky

[6] A fol. 55 -56

Camilleri, Carmen Xuereb, Peter Paul Bajada, Emanuela Grech, Margaret Muscat, Joseph Bajada u Anthony Bajada, bħala werrieta tagħha. Dawn għalhekk imisshom 1/5 x 1/9= 1/45 kull wieħed.

Billi huwa evidenti li l-assi in diviżjoni mhumiex komodament diviżibbli bejn daqstant kondividendi mingħajr diskapitu, dawn għandhom jinbiegħu in liċitazzjoni, bl-ammissjoni ta' obblaturi estranei sabiex ir-rikavat imbagħad jinqasam bejniethom, skont l-ishma rispettivi tagħhom.

L-atturi permezz tal-ewwel talba tagħhom, kien talbu l-ħatra ta' amministatur tal-beni pposseduti in komun u dan a tenur tal-artikolu 494 tal-Kap.16. Għalkemm din il-ħatra s'issa għadha ma saritx, il-Qorti jidrilha li jkun opportun li dan l-amministatur għandu xorta waħda jinħatar sakemm isir il-bejgħ tal-beni in diviżjoni, u dan minħabba n-nuqqas ta' qbil li hemm bejn l-atturi u l-konvenuti, u d-diffikultajiet li jistgħu jinqalgħu sabiex l-istess beni jiġu murija lil xi proposti kompraturi.

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi:

1. tilqa' l-ewwel talba u taħtar lill-Avukat Dottor Joshua Grech bħala amministratur tal-beni in diviżjoni sakemm dawn jinbiegħu effettivament bil-liċitazzjoni li għandha ssir skond din is-sentenza, u dan a spejjeż tal-kondividendi kollha, kulħadd skont sehmu;

2. tilqa' t-tieni u t-tielet talba u tiddikjara li l-beni li kellhom il-mejtin Peter u Carmela konjuġi Refalo kienu dawk il-beni ndikati hawn fuq, magħduda mas-somma ta' għaxart elef u ħames mitt euro (€10,500), il-valur tal-art donata lil binhom Carmelo Refalo, u li l-eredi tiegħu iridu jġibu għall-qasma;

3. tilqa' r-raba talba u tiddikjara li l-beni ta' Giuseppe Refalo kienu s-sest (1/6) indiviż tal-beni li wiret mingħand l-imsemmija ġenituri tiegħu;

4. ir-raba talba ġiet milqugħa fil-mori tal-kawża bin-nomina tal-A.I.C. Godwin Abela;

5. tilqa' s-sitt talba u tordna d-diviżjoni ta' dawn il-beni bejn il-kontendenti kollha fl-ishma indikati hawn fuq f'din is-sentenza;

6. billi dawn il-beni mhumiex komodamant diviżibbli bejn daqstant kondividendi, tiċħad is-seba' talba'; u

7. tilqa' t-tmien talba u tordna l-bejgħ in liċitazzjoni tal-beni ndikati hawn fuq, bl-ammissjoni tal-obblaturi estranei, sabiex ir-rikavat, magħduda miegħu is-somma ta' għaxart elef u ħames mitt euro (€10,500) li jridu jġibu għall-qasma l-eredi ta' Carmelo Refalo kif fuq ingħad, għandu jinqasam bejn il-kondividendi, kulħadd skont is-sehem rispettiv tiegħu, kif stabilit f'din is-sentenza.

L-ispejjeż tal-kawża, apparti dawk ġia deċiżi mill-Qorti tal-Appell bis-sentenza tagħha tal-11 ta' Novembru 2011, għandhom jiġu ssoportati bejn il-kontendenti, kulħadd skont is-sehem rispettiv tiegħu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------